



Dokument ta' sessjoni

A9-0155/2021

11.5.2021

RAPPORT

dwar proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku (COM(2021)0181 – C9-0132/2021 – 2021/0097(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Irene Tinagli

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	8

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku (COM(2021)0181 – C9-0132/2021 – 2021/0097(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0181),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0132/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0155/2021),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-Direttiva tal-VAT tipprevedi eżenzjoni prevista permezz tal-Artikoli 143(1)(fa) u 151(1)(aa) li tippermetti t-tnaqqis tal-VAT fuq l-importazzjoni ta' oġġetti minn korpi Ewropej kif ukoll il-provvista ta' oġġetti u servizzi lil dawn il-korpi li għalihom japplika l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (PPI). Abbażi tal-interpretazzjoni rispettiva tal-PPI, dik l-eżenzjoni hija strettament limitata għal xiri li jsir għall-użu uffiċjali ta' dak il-korp tal-UE. Dan ma japplikax għax-xiri ta' oġġetti u servizzi maħsuba biex isiru disponibbli bla ħlas għall-Istati Membri jew awtorità nazzjonali tas-saħħa jew sptar peress li dan ma jitqiesx bħala użu uffiċjali. Madankollu, preċiżament każijiet bħal dawn jistgħu jsiru partikolarment importanti b'reazzjoni għall-kriżijiet, bħall-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk l-eżenzjonijiet tal-VAT applikabbli bħalissa huma meqjusa insuffiċjenti f'dan ir-rigward.

Il-proposta attwali għandha l-għan, għalhekk, li tintroduċi eżenzjoni tal-VAT fuq bażi wiesgħa għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi mill-Kummissjoni jew minn aġenzija jew korp stabbilit skont id-dritt tal-Unjoni fit-twertiq ta' mandat mogħti lilha mid-dritt tal-Unjoni fl-interess pubbliku.

It-tranżazzjonijiet koperti mill-eżenzjoni jinkludu dawn li ġejjin:

- testijiet dijanjostiċi u materjali tal-ittestjar, u tagħmir tal-laboratorju;
- tagħmir personali protettiv (PPE) bħal ingwanti, respiraturi, maskri, ġagagi, prodotti u tagħmir ta' diżinfekzjoni;
- tined, sodod tal-kampijiet, ħwejjeġ u ikel;
- tagħmir ta' tiftix u salvataġġ, boroż tar-ramel, ġkieket tas-salvataġġ u dgħajjes li jintefħu;
- antimikrobiċi u antibijotiċi, antidoti ta' theddid kimiku, trattamenti għal dannu mir-radjazzjoni, antitossini u pilloli tal-jodju;
- prodotti tad-demem jew antikorpi;
- tagħmir li jkejjel ir-radjazzjoni;
- żvilupp, produzzjoni u akkwist tal-prodotti meħtieġa, attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, ħażna strateġika tal-prodotti; liċenzji farmaċewtiċi, faċilitajiet ta' kwarantina, provi kliniċi, diżinfekzjoni tal-bini, eċċ.

Il-proposta se tneħħi l-VAT bħala fattur ta' spiża għall-programmi tal-UE. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-introduzzjoni ta' din l-eżenzjoni mill-VAT mhu se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva fuq il-baġit tal-UE.

Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat mal-użu tal-verżjoni stampata taċ-ċertifikat ta' eżenzjoni, il-proposta tipprevedi wkoll l-introduzzjoni ta' formola elettronika.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur tqis li l-proposta għandha tiġi approvata mal-ewwel opportunità sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tipprovdi s-soluzzjonijiet meħtieġa biex tiġi indirizzata mingħajr piż żejjed il-pandemija tal-COVID-19. Fl-isfond ta' dawn iċ-ċirkostanzi attwali eċċezzjonali, ir-rapporteur tipproponi li l-Parlament japprova l-proposta mingħajr emendi skont proċedura simplifikata fuq il-bażi tal-Artikolu 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' eżenzjonijiet fuq importazzjonijiet u fuq ċerti provvisti, fir-rigward ta' miżuri tal-Unjoni fl-interess pubbliku
Referenzi	COM(2021)0181 – C9-0132/2021 – 2021/0097(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	16.4.2021
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 26.4.2021
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 26.4.2021
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	IMCO 26.4.2021
Rapporteurs Data tal-ħatra	Irene Tinagli 22.4.2021
Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni	10.5.2021
Eżami fil-kumitat	10.5.2021
Data tal-adozzjoni	10.5.2021
Data tat-tressiq	11.5.2021